ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 51 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 3 ta' Lulju, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Ġunju 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Ġunju 2012;
5. Kwotazzjonijiet għal *Surveyor*;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 51 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 3.15, il-*Banner* tal-proġett fil-*Housing Estate* sar u ġie mwaħħal fuq is-sit.

Dwar item 3.22., is-Segretarju qalet li attendiet għal laqgħa dwar Aċċess għal Kulħadd fejn dawk preżenti ġew mgħarrfa li ħarġu gwidi ġodda kif għandhom isiru rampi u madum speċjali fuq bankini li jintużaw minn dawk in-nies neqsin mid-dawl.

Dwar item 3.ii.a., sid il-ħanut li l-Kunsill kien kitiblu biex jagħmel *skip*, dan għamilha.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw dwar Opportunita' dwar l-ERASMUS. Sindki u Kunsilliera jistgħu jieħdu sehem fi programm ERASMUS, dan il-programm ser isir bejn il-ħarifa 2012 u r-rebbiegħa 2013.

2. Mill-MEPA infurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 27,136.91. Bagħatu wkoll jinfurmaw dwar il-proċedura li għandha ssir meta tkun ser timtela' applikazzjoni tal-UIF.

3. Irċevejna ilment mingħand is-Sur Duca li joqgħod 'Saldor', Dawret Ħal Għaxaq, fejn qed jitlob li jerġu jsir *crash barriers* fil-Bypass k/m Triq it-Tġeżwira. Minn naħa tagħna nfurmajnih li din hija arterja u taqa' taħt ir-responsabbilta' tat-*Transport Malta* u li ser ngħaddu l-ilment lilhom.

4. Mill-Għaqda Mużikali St.Marija talbu sabiex fi żmien il-festa ta' St.Marija ma jintremawx l-ebda gabbani ta' kull xorta fi Triq G.M. Farrugia faċċata tal-każin u għal din is-sena wkoll qed jitolbu li bejn it-3 u s-7 ta' Awwissu, ma jiġux armati gabbani ta' kull bejgħ speċjalment fi Vjal il-Labour u l-Pjazza.
   Is-Sindku qal li l-ahjar isir kif mitlub bhal ma kien sar fil-Festa ta' San Guzepp, u min irid jarma jitlob permess mill-Ghaqda ta' St. Marija.
   Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill ghandu jimxi skond ir-Regolamenti ta' l-Avviz Legali dwar Attivitajiet li jinhtiegu permessi mill-Kunsill Lokali.

5. Mingħand l-Ispettur Mercieca fejn bagħat għadd ta' regolamenti li għandhom jiġu mħarsa meta tkun ser isir xi attivita mill-Każini tal-Baned.

7. Mingħand il-Perit Edric Micallef fejn bagħat il-minuti tal-Montoring Committee dwar Delimara Power Station.

8. Mingħand *Horizons*, fejn infrumaw li għandhom xi roħs fuq xi kotba.

9. Ittra minghand Twanny Vella ta' Tomsin, Triq il-Gudja, Għaxaq, dwar il-monument tal-annimali. Din l-ittra ġiet diskussa u ġie deċiż li jekk is-Sur Vella iġib permess mingħand il-*Lands Department* li dan il-monument jista' jsir fil-post indikat mis-Sur Twanny Vella, il-Kunsill jikkunsidra li jagħti l-għajnuna tiegħu.

10. Mingħand ir-Reġjun ta' Nofsinhar dwar l-*Eco Wardens* li kienu ġew diskussa waqt laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa ġew infurmati li biex tqabbad *warden* trid l-ewwel tapplika r-Reġjun.

11. Mid-Dipartiment ġejna nfurmati li ser issir laqgħa ta' Konsultazzjoni: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija sal-2050. Din il-laqgħa ser issir bil-Malti nhar, l-Erbgħa fl-10 ta' filgħodu f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ġunju 2012, li kienu jammontaw għal **€52.63**. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'**€52.63** għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

b. *Skeda ta' Ħlas Ġunju 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2012 u li jammontaw għal **€€28,435.04**. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. <u>Kwotazzjonijiet għal *Surveyor*</u>

Irċevejna tlett kwotazzjonijiet għal *Surveyor* dwar *Road Alignment* dawn kienu mingħand.:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Vincent Camilleri | - | € 1,100 u € 400; |
| b) | Antoine Micallef | - | € 2,289.20; |
| c) | Matsurv & Ass. Ltd. | - | €1,505. |

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-offerta tas-Sur Vincent Camilleri iżda tintbagħat qabel ittra lis-Sur Camilleri biex jiġi mitlub jagħti garanzija li x-xogħol isir kif rikjest mill-Kunsill.

**10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Il-Kunsilliera Agius ikkumentat fuq it-toqob tal-arbli tal-festi minħabba li meta dawn l-arbli jitneħħew qed jitħalla ħafna ġebel u t-toqob ma jingħalqux sewwa. Is-Sindku qal li wara li jgħaddu l-festi dawn it-toqob jagħtihom kisja *cement* biex ma jkunux ta' periklu. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sur Alan Picco qal li l-fuljett tal-Kunsill qiegħed għand l-istampatur.

c. Il-Kunsilliera Agius qalet li hemm persuna li qed tiġi tarmi ħafna ħmieġ ġo l-iskip li hemm fi Triq il-Ħannieqa. Is-Sindku qal li jekk xi ħadd jieħu n-numru tal-vettura li din il-persuna qed tuża biex tarmi l-ħmieġ il-Kunsill jieħu passi. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sindku qal li qed issir talba għal skip ħdejn ir-razzett quddiem il-Gondolier. Il-Kunsill qabel li din issir.

e. Is-Sinjura Agius qalet ukoll li fejn il-post tan-nar hemm żewġ karozzi abbandunati. Is-Sindku qal li għamel avviż fuqhom biex jitneħħew.

f. Is-Sindku qal li għandna bżonn niżbru s-siġar ta' fuq Santu Rokku u l-*Housing Estate*. Il-Kunsill qabel.

g. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub in-*No Objection* għal tinda li se tittella' fi Triq il-Barbazzal fis-7 u 8 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li ma' hemm ebda oġġezzjoni li din issir.

**11. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tlieta 7 ta' Lulju 2012 fis-2.00pm**